IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 30.7.2010
KUMM(2010)411 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-impatt tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li timmodifika l-bażijiet legali tal-Programmi Ewropej fl-oqsma tat-Tagħlim tul il-Ħajja, il-Kultura, iż-Żgħażagħ u ċ-Ċittadinanza

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-impatt tad-Deċiżjoni tal-Parlament u tal-Kunsill li timmodifika l-bażijiet legali tal-Programmi Ewropej fl-oqsma tat-Tagħlim tul il-Ħajja, il-Kultura, iż-Żgħażagħ u ċ-Ċittadinanza

1. INTRODUZZJONI

Fis-16 ta' Diċembru tal-2008, il-Parlament Ewropew u l-Kunsil adottaw erba' deċiżjonijiet li jemendaw il-bażijiet legali tal-programmi fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja, il-kultura, iż-żgħażagħ u ċ-ċittadinanza[1].

Dawn id-deċiżjonijiet neħħew mill-proċedura ta' konsulenza deskritta fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 ċerti deċiżjonijiet ta' għażla meħuda mill-Kummissjoni għall-għoti ta' konċessjonijiet fi ħdan dawk il-programmi. L-għan kien is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u t-tqassir taż-żmien meħtieġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw direttament lill-benefiċjarji, fl-interess ta' implimentazzjoni tal-programmi iktar malajr u iktar effiċjenti.

Skont il-bażijiet legali oriġinali, kien obbligatorju li jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-kumitati għall-programmi, fi żmien dewmien restrinġenti, qabel ma l-Kummissjoni setgħet tieħu d-deċiżjonijiet formali ta' għoti. Xi drabi l-perjodi ta' sospensjoni jiżdiedu mal-perjodi ta' skrutinju u jikkawżaw iktar dewmien fl-implimentazzjoni.

Bid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet ta' emenda, il-proċedura ta' konsuleza ġiet sostitwita minn proċedura ta' informazzjoni. Il-Kummissjoni issa għandha l-obbligu li tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-kumitati għall-programmi fi żmien jumejn tax-xogħol bid-deċiżjonijiet ta' għażla li tkun ħadet. Din l-informazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni u analiżi tal-applikazzjonijiet li waslulha, deskrizzjoni tal-proċedura ta' evalwazzjoni u ta' għażla, u l-listi kemm tal-proġetti proposti għall-finanzjament kif ukoll ta' dawk rifjutati.

Il-Kummissjoni hija obbligata, bid-deċiżjonijiet ta' emenda, li tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt tagħhom fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tagħhom.

---

[1] Id-Deċiżjoni nru 1357/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni nru 1720/2006/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja
Id-Deċiżjoni Nru 1352/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE li tistabbilixxi l-programm Kultura (2007 sal-2013)
Id-Deċiżjoni Nru 1349/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 u li temenda d-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE li stabbilixxiet il-programm 'Żgħażagħ fl-Azzjoni' għall-perjodu 2007-2013.
Id-Deċiżjoni Nru 1358/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE li tistabbilixxi l-programm 'Ewropa għaċ-Ċittadini' għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinza Ewropea

Barra minn dawn id-deċiżjonijiet, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ukoll fis-16 ta' Diċembru 2008, id-Deċiżjoni Nru 1298/2008/KE li tistabbilixxi l-programm ta' azzjoni Erasmus Mundus 2009-2013, li jagħti lill-Kummissjoni l-istess obbligu li tinforma fi żmien jumejn tax-xogħol lill-Parlament Ewropew u lill-kumitat għall-programmi bid-deċiżjoni ta' għażla li tkun ħadet.

Għalkemm id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-programm ta' azzjoni Erasmus Mundus ma tinkludix rekwiżit ta' rappurtaġġ, il-Kummissjoni ddeċidiet li, fl-interess tat-trasparenza, tinkludi f'dan ir-rapport l-impatt tal-proċedura ta' informazzjoni l-ġdida fuq l-implimentazzjoni ta' dan il-programm ukoll. B'dan il-mod, rapport wieħed ikopri l-impatt tal-ħames deċiżjonijiet.

Metodoloġija

Dan ir-rapport jippreżenta, għal kull programm, il-proċedura ta' informazzjoni li kienet implimentata fl-2009 u jqabbilha mal-proċedura ta' konsulenza li kienet applikata preċedentement. Ir-rapport jikkunsidra l-impatt tal-proċedura ta' informazzjoni l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-konċessjonijiet, partikolarment fir-rigward tal-ħin meħud mill-proċedura ta' għażla, mid-data ta' skadenza għas-sottomissjoni san-notifika lill-benefiċjarji. Ir-rapport jieħu inkunsiderazzjoni wkoll l-impatt fuq il-piż amministrattiv u r-reazzjonijiet jew l-ilmenti dwar l-informazzjoni trażmessa jew il-proċedura ta' informazzjoni nnifisha.

2. ID-DEĊIŻJONIJIET TA' GĦAŻLA MEĦUDA SKONT IL-PROĊEDURA TA' INFORMAZZJONI L-ĠDIDA

Il-proċedura ta' informazzjoni kienet applikata fi 30 deċiżjoni ta' għażla fl-2009, għal 27 minnhom jista' jsir paragun mad-deċiżjonijiet meħuda skont il-proċedura ta' konsulenza, kif jidher fit-tabelli fl-anness[2].

Seba' deċiżjonijiet ta' għażla saru fl-2009 fi ħdan **il-programm Tagħlim tul il-Ħajja**. Minn dawn, ħamsa jistgħu jitqabblu kompletament ma' dawk li ttieħdu fl-2007 u l-2008. Mhux possibbli li jsir paragun għall-konċessjonijiet mogħtija fil-qafas tal-Attività Prinċipali 1 tal-Programm Trasversali (ECET) peress li l-ewwel għażla saret fl-2009 diġà skont il-proċedura l-ġdida, filwaqt li l-konċessjonijiet mogħtija għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew għall-Kwalifiki jistgħu jitqabblu biss ma' dawk mogħtija fl-2008 (l-ebda għażla ma saret fl-2007).

Fil-**programm Kultura** l-proċedura l-ġdida ta' informazzjoni kienet applikata fl-2009 għal għażliet għal erba' azzjonijiet, li jistgħu jitqabblu ma' dawk meħuda fl-2008 u l-2006[3] skont il-programm Kultura preċedenti. L-ebda deċiżjoni ta' għażla ma ttieħdet permezz tal-proċedura ta' konsulenza fl-2007.

Għall-**programm Żgħażagħ fl-Azzjoni** total ta' seba' proċessi ta' għażla saru fl-2009. Ma hemmx dejta kumparabbli għall-konċessjonijiet mogħtija fil-qafas tal-Azzjoni 4.6 "Sħubijiet" peress li l-ewwel għażla saret fl-2009. Il-konċessjonijiet mogħtija għall-Azzjoni 4.4 "Proġetti li jinkoraġġixxu l-kreattività u l-innovazzjoni fis-settur taż-żgħażagħ" jistgħu jitqabblu biss

---

2 It-tabelli huma inklużi fl-anness għall-Programmi Tagħlim tul il-Ħajja, Kultura, Żgħażagħ fl-Azzjoni; Ewropa għaċ-Ċittadini u Erasmus Mundus.

3 Skont il-programm preċedenti: Id-Deċiżjoni Nru 508/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2000 li tistabbilixxi l-programm Kultura 2000

ma' dawk mogħtija fl-2007 (fl-2008 ma kienx hemm proċedura ta' għażla), filwaqt li dawk mogħtija għall-azzjoni 4.1 "Appoġġ għal korpi attivi f'livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ" u għall-ewwel ċiklu ta' għażliet ċentralizzati jistgħu jitqabblu biss mal-2008, billi l-proċedura ta' konsultazzjoni ma kinitx applikata għal dawk mogħtija fl-2007.

Il-proċedura ta' informazzjoni l-ġdida kienet applikata wkoll fl-2009 għal għaxar azzjonijiet tal-**programm Ewropa għaċ-Ċittadini** (f'rabta mal-azzjoni 1.1 Ġemmellaġġ tal-Lokalitajiet– Fażi 2 u l-azzjoni 2.7 Appoġġ għal proġetti mibdija minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fl-2007 ma kienet applikata l-ebda proċedura ta' komitoloġija, u għalhekk mhux possibbli li jsir paragun) u għall-konċessjonijiet mogħtija għall-boroż ta' studju u l-programmi postlawrja ta' **Erasmus Mundus**. ; Fil-każ tal-aħħar l-uniku paragun possibbli huwa mal-2007 billi ma saret l-ebda għażla fl-2008 minħabba t-tranżizzjoni għall-programm il-ġdid.

3. L-IMPATT TAL-PROĊEDURA TAL-INFORMAZZJONI L-ĠDIDA FUQ L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMMI

Għall-programmi kollha, iż-żmien meħud għall-proċess ta' għażla mid-data ta' skadenza għas-sottomissjoni sal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' għoti ta' konċessjoni u n-notifika lill-benefiċjarji, tqassar konsiderevolment.

Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li għall-programmi kollha - barra Erasmus Mundus – u qabel id-dħul fis-seħħ tal-proċedura ta' informazzjoni, kien hemm qbil mal-Parlament Ewropew dwar dritt imqassar ta' skrutinju għad-deċiżjonijiet ta' għażla li kienu jaqgħu taħt il-proċedura ta' konsulenza fit-tieni nofs tal-2008. Madankollu, il-gwadanji skont id-dritt imnaqqas ta' skrutinju fl-ebda każ ma kienu ikbar minn dawk li jirriżultaw mill-introduzzjoni tal-proċedura ta' informazzjoni.

Fir-rigward tal-**programm Tagħlim tul il-Ħajja,** fl-2009 id-deċiżjonijiet ta' għoti ta' konċessjonijiet għall-azzjonijiet li jistgħu jiġu pparagunati ġew notifikati lill-benefiċjarji bejn wieħed u ieħor 123 ġurnata wara d-data ta' skadenza, bi gwadann medju ta' 37 ġurnata fuq l-2008 u ta' 32 ġurnata fuq l-2007. F'każ minnhom (Leonardo da Vinci – Transferiment tal-Innovazzjoni), il-perjodu fl-2009 kien daqsxejn itwal milli fl-2008 minħabba l-ħtieġa għal analiżi bir-reqqa ta' każ speċifiku li kien jinvolvi l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Fil-każ tal-**programm Kultura,** in-notifiki fl-2009 saru fuq medja ta' 152 ġurnata wara d-data ta' skadenza għas-sottomissjoni, bi gwadann medju ta' 54.5 ġurnata fuq l-2008 u ta' 117-il ġurnata fuq l-2007.

Fir-rigward tal-programm **Żgħażagħ fl-Azzjoni,** il-gwadann medju fiż-żmien kien ta' iktar minn 40 ġurnata fuq l-2008 u ta' iktar minn 75 ġurnata fuq l-2007. Id-deċizjonijiet ta' għoti ta' konċessjonijiet u n-notifiki sussegwenti tal-benefiċjarji saru l-iktar tard tliet xhur u nofs wara d-data ta' skadenza għas-sottomissjoni, filwaqt li skont il-proċedura ta' konsultazzjoni, iż-żmien medju meħud għall-għażla kien ta' ħames xhur u nofs.

Fil-każ tal-programm **Ewropa għaċ-Ċittadini** l-gwadann kienet, fuq medja, ta' 22 ġurnata fuq l-2008 u ta' 12-il ġurnata fuq l-2007. Madankollu, żewġ azzjonijiet jippreżentaw eċċezzjoni: ma ġiex gwadanjat żmien għall-azzjonijiet 1.4 u 1.5 bejn l-2009 u l-2008. Dawn il-proġetti ("Proġetti għaċ-ċittadini u "Miżuri ta' appoġġ") huma iktar kumplessi u fuq skala ikbar minn proġetti oħra iktar tradizzjonali bħal pereżempju l-ġemellaġġ tal-lokalitajiet.

Madankollu, dan ma kellux impatt fuq il-benefiċjarji billi kienu notifikati bir-riżultat tal-għażla fil-ħin biex il-proġetti jinbdew kif kien skedat.

Għall-boroż ta' studju tal-programm **Erasmus Mundus**, it-tnaqqis kien ta' 27 ġurnata meta mqabbel mal-boroż ta' studju fl-2007 u ta' 10 ġranet meta mqabbel mal-2008. Għall-programmi konġunti t-tnaqqis kien ta' 74 ġurnata, minkejja l-fatt li l-2009 kienet l-ewwel sena li fiha, flimkien mal-korsijiet tal-Masters, id-Dottorati kienu ffinanzjati mill-programm. Fil-każijiet kollha l-informazzjoni lill-Parlament Ewropew u l-kumitati għall-programmi kienet mogħtija fi żmien l-ittardjar stabbilit ta' jumejn tax-xogħol. L-ammont ta' informazzjoni trażmessa ma nbidilx meta mqabbel mal-proċedura ta' komitoloġija, iżda t-tneħħija tal-formalitajiet assoċjati mal-proċedura ta' konsulenza, li jikkonċernaw pereżempju t-tnedija tal-proċeduri bil-miktub u li dawn jittellgħu fir-reġistru, irriżultat madankollu fi tnaqqis sinifikanti fil-piż amministrattiv.

4. KONKLUŻJONI

Il-proċedura ta' informazzjoni li ħadet post il-proċedura ta' konsulenza formali skont id-Deċiżjoni ta' Komitoloġija ġiet implimentata b'suċċess fil-ħames programmi. L-informazzjoni neċessarja kollha meħtieġa fid-deċiżjonijiet ġiet trażmessa b'mod sistematiku mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-kumitati għall-programmi fi żmien l-iskadenza obbligatorja ta' jumejn tax-xogħol.

Il-Kummissjoni, sa issa, għadha ma rċeviet l-ebda reazzjoni jew ilment mill-Parlament Ewropew jew mill-kumitati għall-programmi dwar l-informazzjoni trażmessa jew dwar il-proċedura nnifisha. Pjuttost bil-kontra, diversi benefiċjarji esprimew is-sodisfazzjon tagħhom biż-żmien iqsar meħud għad-deċiżjonijiet ta' għażla bħala riżultat.

Fir-rigward tal-impatt tad-deċiżjonijiet fuq il-ġestjoni tal-programmi u l-konċessjonijiet mogħtija lill-benefiċjarji, it-tqassir sostanzjali tal-ittardjar żied l-effiċjenza tal-programmi billi ppermetta lill-applikanti jkunu magħarrfa dwar id-deċiżjonijiet ta' għażla iktar bil-quddiem, b'effetti pożittivi fuq is-sostenibbiltà tas-sħubijiet li jimplimentaw il-proġetti, u għalhekk fuq il-kwalità tal-proġetti stess. Għall-programmi kollha, il-proċedura l-ġdida ppermettiet effettività miżjuda fil-ġestjoni tal-proġetti.

Għalhekk jista' jiġi konkluż li l-proċedura ta' informazzjoni l-ġdida tissodisfa l-prinċipju tas-sempliċità u l-prossimità li għandu jiggwida l-implimentazzjoni tal-programmi fl-interess taċ-ċittadini Ewropej.

F'dak id-dawl, il-Kummissjoni hija impenjata li tkompli żżid l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-programmi tagħha billi tqassar il-proċess li jwassal għad-deċiżjonijiet ta' għażla, partikolarment billi tnaqqas kemm jista' jkun possibbli ż-żmien meħud għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet.

ANNESS

Il-Programm Tagħlim tul il-Ħajja					
Deċiżjonijiet ta' għażla	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2007**	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2008**	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2009**	**Differenza 2 009-2008**	**Differenza 2 009-2007**
Konċessjonijiet mogħtija fil-qafas tal-programm Jean Monnet (Attività prinċipali 3: Assoċjazzjonijiet attivi f'livell Ewropew fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ) tal-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja	147	171	105	66	42
Konċessjonijiet mogħtija fil-qafas tal-programm Jean Monnet (Attività prinċipali 1) tal-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja	147	171	136	35	11
Konċessjonijiet mogħtija fil-qafas tas-sottoprogrammi tal-Programm Tagħlim tul il-Ħajja 2009 Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci u Grundtvig	175	159	131	28	44
Konċessjonijiet mogħtija fil-qafas tal-Programm Leonardo da Vinci – Trasferiment tal-Innovazzjoni tal-Programm Tagħlim tul il-Ħajja 2009	166	140	152	-12	14
Konċessjonijiet mogħtija fil-qasam tal-Programm Trasversali/Attivitajiet prinċipali tal-Programm Tagħlim tul il-Ħajja	177	214	128	86	49
Konċessjonijiet mogħtija għal Azzjonijiet għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki – QEK	/	113	90	23	/
Konċessjonijiet mogħtija fil-qafas tal-Attività Prinċipali 1 tal-Programm Trasversali ("Appoġġ għal Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ – KEET") tal-Programm Tagħlim tul il-Ħajja.	/	/	94	/	/

Il-Programm Kultura					
Deċiżjonijiet ta' għażla	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2006**	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2008**	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2009**	**Differenza 2 009-2008**	**Differenza 2 009-2007**
Appoġġ għal korpi attivi f'livell Ewropew fil-qasam tal-Kultura – Konċessjonijiet annwali ta' operazzjoni- Linja 2	269	218	129	89	140
Proġetti ta' kooperazzjoni – Linja 1.2.1	269	268	217	51	52
Traduzzjoni litterarja – Linja 1.2.2	269	219	166	53	103
Pajjiżi terzi – Linja 1.3.3	269	121	96	25	173

Il-Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni					
Deċiżjonijiet ta' għażla	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2007**	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2008**	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2009**	**Differenza 2 009-2008**	**Differenza 2 009-2007**
Azzjoni 4,1 – Appoġġ lill-NGOs	/	195	106	89	/
Ċiklu 1 – Gwida għall-Programm	/	145	108	37	/
Ċiklu 2 – Gwida għall-Programm	/	164	109	55	/
Ċiklu 3 – Gwida għall-Programm	150	106	90	16	60
Azzjoni 3,2 – Żgħażagħ fid-dinja	189	119	112	7	77
Azzjoni 4,4 – Proġetti li jħeġġu l-innovazzjoni u l-kwalità	159	/	69	/	90
Azzjoni 4,6 – Shubiji	/	/	147	/	/

Il-programm Ewropa għaċ-Ċittadini					
Deċiżjonijiet ta' għażla	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2007**	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2008**	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2009**	**Differenza 2 009-2008**	**Differenza 2 009-2007**
Azzjoni 1.1. Ġemmellaġ tal-Ibliet – Fażi 1a)	/	142	94	48	/
Azzjoni 1.1. Ġemmellaġ tal-Ibliet – Fażi 2	83	118	79	39	4
Azzjoni 1.1. Ġemmellaġ tal-Ibliet – Fażi 3	107	122	97	25	10
Azzjoni 1.1. Ġemmellaġ tal-Ibliet – Fażi 4	88	143	64	79	24
Azzjoni 1.1. Ġemmellaġ tal-Ibliet – Fażi 1/2010	95	91	78	13	17
Azzjoni 1.2. Netwerks ta' lokalitajiet li ngħaqdu f'ġemellaġġ	124	142	94	48	30
Azzjoni 1.4. Proġetti għaċ-ċittadini	/	126	149	-23	/
Azzjoni 1.5. Miżuri ta' appoġġ	/	76	107	-31	/
Azzjoni 2.7. Appoġġ għal proġetti li jinbdew minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili	106	131	110	21	-4
Azzjoni 4.1. Proġetti ta' tifkira	99	96	96	0	3

Il-Programm Erasmus Mundus					
Deċiżjonijiet ta' għażla	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2007**	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2008**	**Ġranet meħtieġa għall-proċedura tal-għażla - 2009**	**Differenza 2 009-2008**	**Differenza 2 009-2007**
Azzjoni 1.1 Boroż ta' studju relatati mas-sena akkademika 2009/2010	85	68	58	10	27
Azzjoni 1.2 Programmi konġunti	151	/	77	/	74